



Brussell, 8 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

10085/17

FREMP 72	CATS 67
ASIM 69	COSI 128
COHOM 74	VISA 219
DEVGEN 126	SCHENGEN 33
CFSP/PESC 493	COCON 19
JEUN 85	COPEN 194
EDUC 287	FRONT 259
SOC 467	ANTIDISCRIM 32
EMPL 358	DROIPEN 84
CULT 86	JUSTCIV 140

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	8 ta' Ġunju 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8702/17 REV 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tat-tfal migranti

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tat-tfal migranti addottati mill-Kunsill fit-3546 laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Ġunju 2017.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

JIRRIKONOXxu li l-għadd ta' tfal migranti li qed jaslu fl-Unjoni Ewropea, ħafna minnhom mhux akkumpanjati, żdied b'mod drammatiku, u poġġa l-ġestjoni nazzjonali tal-migrazzjoni u s-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal taħt pressjoni f'xi Stati Membri;

JENFASIZZAW li l-protezzjoni tat-tfal migranti kollha hija prijorità fl-istadji kollha tal-migrazzjoni;

JILQGĦU l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "il-protezzjoni tat-tfal migranti" tat-12 ta' April 2017¹;

IFAKKRU fil-Konklużjonijiet tat-18 ta' Novembru 2014 dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal², li fihom il-Kunsill stieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni "biex jirrikonoxxu b'mod sħiħ lit-tfal bħala detenturi tad-drittijiet u biex jiżguraw ir-rispett għall-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal fil-politika kollha li taffettwa lit-tfal";

JAFFERMAW MILL-ĠDID li l-Unjoni Ewropea qiegħda timplimenta approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u li l-protezzjoni tat-tfal hija element integrat ta' dan l-approċċ;

IFAKKRU fl-oġġettivi li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni, il-ġlieda kontra l-faċilitaturi ta' dħul klandestin u t-traffikanti sabiex it-tfal migranti, inkluż il-minorenni mhux akkumpanjati, ma jivvjaġġawx b'mod irregolari lejn l-Ewropa, u jirriskjaw ħajjithom matul il-vjaġġ;

IFAKKRU fil-Konklużjonijiet tat-3 ta' April 2017 dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal³ li jilqgħu l-Linji Gwida riveduti dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal⁴;

¹ Dok. 8297/17.

² Dok. 15559/14.

³ Dok. 7775/17.

⁴ Disponibbli fi <https://www.consilium.europa.eu/uedocs/cmsUpload/16031.07.pdf>

JISSOTTOLINJAW li l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni primarja fl-azzjonijiet jew id-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw lit-tfal u fil-valutazzjoni tal-adegwatezza tas-soluzzjonijiet durabbli kollha; ir-risistemazzjoni, l-integrazzjoni jew ir-ritorn skont is-sitwazzjoni u l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom;

JIRRIKONNOXXU l-ħtieġa li t-tfal jiġu protetti malajr kontra l-vjolenza, l-isfruttament u t-traffikar, u biex issir stima tal-età tagħhom malajr u b'mod affidabbli sabiex jiġu evitati l-abbużi u jiġu protetti d-drittijiet tagħhom, skont il-liġi tal-UE u l-obbligi internazzjonali;

JISSOTTOLINJAW l-importanza li titqajjem kuxjenza u l-involviment tal-komunitajiet lokali fir-rigward tal-protezzjoni tat-tfal migranti;

JISSOTTOLINJAW li l-azzjonijiet meħuda mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jimmiraw għal aktar analiżi u prevenzjoni tal-użu tal-vulnerabbiltà tat-tfal mill-ġenituri jew persuni oħrajn b'responsabbiltà tal-ġenituri sabiex tinkiseb il-possibbiltà ta' dħul legali fl-Unjoni Ewropea, mingħajr preġudizzju għall-acquis eżistenti tal-UE f'dan il-qasam dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja, l-unità tal-familja u d-drittijiet speċifiċi tat-tfal, inkluż daww għall-minorenni mhux akkumpanjati, u għall-aħjar interessi tat-tfal;

JISTIEDNU lill-Istati Membri biex jieħdu jew jimplimentaw azzjonijiet, kif ikun adatt, biex jiproteġu lit-tfal fl-istadji kollha tal-migrazzjoni, billi jibbażaw, fost l-oħrajn, fuq ir-rakkomandazzjonijiet ippreżentati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "il-protezzjoni tat-tfal migranti";

JISTIEDNU lill-Istati Membri biex jieħdu kont sħiħ tas-sitwazzjoni speċifika u l-aħjar interessi tat-tfal, u b'mod partikolari t-tfal mhux akkumpanjati bħala kategorija speċjalment vulnerabbli, fid-diskussjonijiet kollha li għaddejjin dwar proposti legiſlattivi għar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil;

JISTIEDNU lill-Kummissjoni u lill-Aġenziji rilevanti tal-UE biex jappoġġaw lill-Istati Membri, inkluż permezz tal-użu ta' fondi disponibbli u l-ġhoti ta' aktar taħriġ, gwida u appoġġ operazzjonali b'enfasi partikolari fuq l-Istati Membri li qed jiffaċċjaw l-akbar sfidi;

JISTIEDNU lill-Kummissjoni biex tippreżenta b'mod regolari rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet.